**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta tal-Hamis 2 ta' Lulju 2020**

**Rikors Numru : 274/2018 JPG**
**Kawza Numru : 27**

**JM**

**Vs**

**FM u permezz ta digriet tal-21 ta' Marzu 2019 gew nominati Dr Victor Bugeja u PL Davinia Sullivan bhala Kuraturi Deputati biex jirrappresentaw lill-assenti FM.**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' JM, datat 25 t'Ottubru 2018, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-partijiet izzewgu nhar 1 ta' Awissu 1987.*

2. *Illi z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irremedjabilment u l-hajja flimkien m'ghadhiex possibli.*

3. *Illi l-partijiet ilhom jghixu hajja totalment separate stante l-abbandun twil tal-imsemmi zewgha u l-partijiet ghalhekk ilhom ma jikkoabitaw ghal mill-inqas dawn l-ahhar hames snin,*

4. *Illi l-partijiet ghandhom bint li illum hija maggorenni.*

5. *Illi ma hemm l-ebda manteniment dovut u l-komunjoni tal-akkwisti giet xolta b'kuntratt pubbliku.*

6. *Illi l-medjazzjoni bejniethom giet maghluqa u permezz ta' digriet moghti fit-2 t'Ottubru 2018 fl-atti tar-rikors 2211/18 (Dokument A) il-Qorti awtorizzat lill-partijiet jipprocedu bil-kawza odjerna ai termini tal-Ligi.*

7. *Illi l-fatti elenkati jissodisfaw il-kundizzjonijiet mehtiega ghall-ottjeniment tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

***Raguni***

8. *Illi ghalhekk ai termini tal-Ligi, l-esponenti tixtieq titlob il-hall taz-zwieg taghhom permezz ta' dikjarazzjoni ta' divorzju ai termini tal-ligi.*

***Talbiet***

*Ghaldaqstant l-esponenti umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti, pevja kwalsiasi dikjarazzjoni u direzzjoni necessarja u opportune joghgobha:*

1. *Tiddikjara u tiddeciedi d-divorzju bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 66B et sequitur u tippronunzja li z-zwieg datat 1 ta' Awissu 1987 huwa ddikjarat null u minghajr effett*
2. *Tordna konsegwentement lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi stabbilit minn din il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, sabiex isiru d-debita registrazzjoni u annotamenti fil-atti civili relattivi fir-Registru Pubbliku.*

*Bl-ispejjes kontra l-intimat li huwa mharrek ghas-subizzjoni.*

Rat id-digriet tal-21 ta' Marzu 2019 permezz ta' liema gew innominati l-Avukat Dr. Victor

Bugeja u l-Prokuratur Legali Davin Sullivan bhala kuraturi ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-ligi.

Rat illi permezz tad-digriet tal-25 ta' Marzu 2019 giet nnominata Prokuratur Legali Hilda Ellul Mercer sabiex tiehu post il-PL Davina Sullivan peress illi l-PL Davina Sullivan kienet iffirmat ir-rikors promotur tar-rikorrenti

Rat ir-risposta tal-Prokuraturi Deputati Dr. Victor Bugeja et; a fol 48 li taqra hekk:

1. *Illi l-eccipjenti ma humiex edotti mill-fatti konnessi tal-kawza q ghalhekk ghal kull buon fini jirriservaw illi jwiegbu ulterjorment jekk ikun il-kaz.*

   *Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat il-verbal tad-19 ta' Frar 2020 li permezz tieghu l-avukati difensuri tal-partijiet infurmaw lill-Qorti li ma ghandhomx trattazzjoni ulterjuri x'jaghmlu u stiednu lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza (Vide fol 50);

**Ikkonsidrat:**

**Ir-rikorrenti** xehdet a fol 30 *et seqq* illi l-partijiet ilhom separati *de facto* ghal kwazi hmistax-il sena peress illi l-intimat beda jahdem barra minn Malta f'Ottubru tal-2007 filwaqt li hija baqghat Malta thallas il-kontijiet u d-djun kollha li l-intimat halla warajh meta telaq minn Malta. Spjegat illi issa ilha aktar minn sentejn ma jkollha kuntatt mal-intimat u lanqas biss taf fejn qieghed u huwa ghalhekk li qed titlob id-divorzju. Kompliet li l-partijiet ghandhom tifla wahda li llum -il gurnata ghandha disgha u ghoxrin sena (29) u m'hemm l-ebda arretrati ta' manteniment, u li l-partijiet kien ghamlu s-separazzjoni tal-beni xi snin qabel, u ghalhekk il-proprjeta issa qieghda fuq isimha. Xehdet illi m'hemm l-ebda tama ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u wkoll illi ma kien l-ebda rikonciljazzjoni bejniethom waqt is-snin illi damu separati

*de facto.*

**Ikkonsidrat;**

Illi jibda biex jinghad illi l-ewwel t-talba tar-rikorrenti hija legalment monka peress illi hija qed titlob zewg affarijiet kompletament differenti: li jigi dikjarat divorzju bejn il-partijiet u li jigi ppronunzjat illi z-zwieg ta' bejn il-partijiet huwa null u minghajr effett. Illi pero in-nullita ta' zwieg civili m'hijiex kontemplata mill-Artikolu 66 *et seqq.* tal-Kodici Civili, li jirregola biss il-hall ta' zwieg permezz ta' proceduri ta' divorzju, izda hija regolata mill-Att Dwar iz-Zwieg, li jikkontempla procedura u kawzali kompletament differenti ghan-nullita taz-zwieg. Barra minn hekk, zwieg dikjarat null ma jistghax jigi wkoll suggett ghall-proceduri ta' divorzju peress illi hekk kif jigi dikjarat null mill-Qorti pemezz ta' sentenza finali, dan iz-zwieg ikun legalment null ab initio u cioe' meqjus li qatt m'ezista u ghalhekk ma jkun hemm xejn x'jinhall mill-Qorti fi proceduri ta' divorzju.

Illi inoltre, ghalkemm ir-rikorrenti premettiet fir-rikors guramentat taghha illi ottjeniet l-awtorizzazzjoni neccessarja sabiex tipprocedi b'kawza ta' divorzju, minn ezami tal-atti dan ma jirrizultax illi huwa minnu, u dan huwa naturalment impediment ghall-prosegwiment ta' din il-kawza.

Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Anthony Pisani vs Rita Maria Pisani** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fid-29 ta' Jannar 2015 fejn intqal illi:

> "*Ostakolu iehor ghall-prosegwiment tal-kawza huwa l-fatt illi l-attur naqas milli jottempera ruhu mad-disposizzjonijiet tal-Ligi Sussidjara 12.20 li tistipula illi sabiex konjugi jipprocedi b'kawza ta' divorzju mhux precedut minn kuntratt ta' separazzjoni konsenswali jew sentenza ta' separazzjoni jehtieg li jintavola rikors ghall-medjazzjoni u* ***jipprocedi biss jekk jigi hekk <u>awtorizzat</u> mill-Qorti.****"*

Ir-rikorrent iddikjarat fir-rikors promotur taghha illi hija kienet giet awtorizzata tipprocedi b'din il-kawza permezz ta' digriet moghti fit-2 t'Ottubru 2018 fl-atti tar-rikors 2211/18 "*…fejn il-Qorti awtorizzat lill-partijiet jipprocedu bil-kawza odjerna ai termini tal-Ligi.*"

Illi pero, wara li l-Qorti ezaminat l-atti, jirrizulta illi fir-realta, li din l-awtorizzazjoni qatt m'inghatat peress illi d-digriet tat-2 t'Ottubru 2018 kien biss ordni ta' eghluq tal-medjazzjoni minghajr awtorizzazzjoni lill-partijiet sabiex jintavolaw proceduri litigjuzi.

Id-digriet imsemmi jaqra hekk:

> ***"Il-Qorti,***
> ***Rat in-nota tal-medjatrici tad-19 ta' Settembru 2018;***
> ***Tilqa` t-talba."***

In-nota tal-medjatrici li ghaliha ssir referenza mill-Qorti taqra hekk:

> "*Nota tal-Medjatrici Dr. Barbara O'Brien LL.D.;*
>
> *Li permezz taghha tinforma lil din l-Onorabbli Qorti li Dr. Carmelo Mifsud Bonnici informal is-sottofirmata medjatrici li l-intimat m'ghadux jghix fl-indirizz indikat fl-ittra u m'ghandux indirizz ta' fejn jghix l-intimat ghalhekk ma tistax issirlu n-notifika b'seduta ta' medjazzjoni. Ghalhekk hija l-umli fehma tas-sottofirmata medjatrici li dina l-medjazzjoni ghandha tinghalaq."*

Illi kif jidher, f'din in-nota ma jsir l-ebda accenn ghal xi talba sabiex il-Qorti tawtorizza lil-partijiet jipprocedu b'kawza ta' divorzju. Anke fir-rikors li kien gie intavolat mir-rikorrenti fit-22 t'Awissu 2018, ir-rikorrenti kienet talbet sabiex "*…jibdew l-proceduri tal-medjazzjoni sabiex l-partijiet jiddivorzjaw minn xulxin ai termini tal-ligi.*" Ghalhekk, meta fid-digriet taghha tad-19 ta' Settembru 2018 il-Qorti kienet "*laqghat it-talba"* ma jirrizultax li kienet awtorizzat lill-partijiet sabiex jintavolaw kawza ta' divorzju **peress illi qatt ma kien hemm talba f'dan is-sens li setghat kienet qed tigi milqugha.**

Illi l-ottjeniment tal-awtorizzazzjoni tal-Qorti sabiex il-partijiet jipprocedu b'kawza wara l-eghluq tal-medjazzjoni huwa rekwizit *sine qua non* ghall-validita tal-proceduri, u ghalhekk in-nuqqas tar-rikorrenti illi tottjeni l-awtorizzazzjoni necessarja sabiex tintavola dawn il-proceduri jwassal necessarjament sabiex din il-Qorti tkun fl-impossibilita illi tiddetermina t-talbiet taghha.

Illi inoltre, anke sorvolata din il-problema, il-kawza tar-rikorrenti hija afflitta minn nuqqas procedurali iehor. Skont l-Artikolu 66G (2), fejn il-partijiet ma jkunux diga legalment isseparati, flimkien mar-rikors promotur, jew almenu sal-ewwel dehra, ghandu jigi prezentat mill-avukat tar-rikorrenti nota fejn l-istess avukat jikkonferma illi huwa osserva l-htigijiet tal-Artikolu 66G(2), u cioe illi huwa ddiskuta mar-rikorrenti l-possibilita ta' rikonciljazzjoni u l-possibilita ta' separazzjoni legali bhala alternattiva ghad-divorzju qabel ma gew intavolati dawn il-proceduri. Illi pero, l-avukat difensur tar-rikorrenti naqas milli jottempera ruhhu mar-rekwiziti ta' dan is-subinciz u din in-nota baqghat qatt ma giet prezentat fl-atti.

Il-Qorti tqis illi galadarba l-Legislatur ghazel illi jimponi dan ir-rekwizit fi proceduri ta' divorzju, m'huwiex possibli ghal din il-Qorti illi tinjora r-rieda tal-Legislatur u taghlaq ghajneja ghal dan in-nuqqas. Dan specjalment ikkonsidrat illi l-Legislatur inkluda wkoll zmien perentorju entro liema ghandha tigi prezentata din in-nota, u cioe sa mhux aktar tard mill-ewwel dehra, **u ghaldaqstant lanqas ma kien possibli ghal din il-Qorti illi taghti lir-rikorrenti aktar zmien sabiex tottempera ruhha ma' dan ir-rekwizit.**

Illi ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti ma ssodifatx ir-rekwiziti procedurali rikjesti sabiex din il-Qorti tkun tista' tiddetermina t-talba taghha ghall-divorzju u ghaldaqstant m'ghandhiex ghazla ohra hlief illi tasjteni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet rikorrenti.

**Ghal dawn il-motivi il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet tar-rikorrenti.**

**L-ispejjez kollha ghandhom jithallsu mir-rikorrenti.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**